MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2010

Numru. 712/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Christopher Micallef, ta' 43 sena, bin Paul Micallef u Mary Micallef, imwieled nhar is-7 ta' Jannar 1967, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 35767M u joqghod 10, Triq Santa Marija, Triq il-Manikata, Manikata L/O Mellieha.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Christopher Micallef, ta' 42 sena, bin Paul Micallef u Mary Micallef, imwieled nhar is-7 ta' Jannar 1967, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 35767M u joqghod 10, Triq St. Marija, Triq il-Manikata, Manikata l/o Mellieha.

Li gie akkuzat talli nhar it-23 ta’ Lulju 2009, ghal habta tas-sebgha neqsin kwart ta’ fil-ghaxija gewwa Triq il-Kbira, Mosta u fil-granet u xhur ta’ qabel b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, gab ruhu b’mod li ta fastidju lil Emmanuele Abela u lil Shirley Abela, jew b’mod kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta fastidju ghal Emmanuele Abela u Shirley Abela.

U aktar talli talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Emmanuele Abela u Shirley Abela bizgha li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom jew kontra l-persuna jew propjeta ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji u jew theddid bil-fomm lil Emmanuele Abela.

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b’xi mod iehor offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

U talli wkoll nhar it-23 ta’ Lulju 2009 ghall-habta tat-8 ta’ fil-ghaxija gewwa l-Klinika tal-Gvern tal-Mosta attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb, b’xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS1574 Renaldo Cremona u PC616 Russell Spiteri, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita kompetenti.

U talli wkoll nhar it-23 ta’ Lulju 2009 ghall-habta ta’ 8 ta’ fil-ghaxija gewwa l-Klinika tal-Gvern tal-Mosta u ghall-habta tal-hdax ta’ fil-ghaxija gewwa l-Isptar Mater Dei ingurja,

jew hedded, jew ghamel offiza fuq PS1574 Renaldo Cremona u PC616 Russel Spiteri (gewwa l-Mosta Health Centre) u PC1511 Kevin Tabone (gewwa l-Isptar Mater Dei), li huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu ghamlu jew minhabba li kienu qeghdin jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzoni ta’ dak is-servizz.

U aktar ukoll talli rrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-24 ta’ Lulju, 2009, biex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess

Semghet trattazzjoni dwar il-piena

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u fid-dawl tal-provi mismugha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-amissjoni maghmula mill-imputat izda ma tistax tinjora l-fedina penali teighu kif ukoll il-fatt illi huwa recidiv.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli l-artikoli 251A(i), 222(1), 338bb, 339e, 95, 96 u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-

konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ hames (5) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------